**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**
**(Spettur Matthew Galea)**

**vs.**

**Miriam Azzopardi**
**Rosette Borg**

Numru 272/2019

Illum sebgha (7) ta' Mejju 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra

**Miriam Azzopardi**, ta' erbghin (40) sena, bint Lawrence Azzopardi u Josephine xebba Schembri, imwielda l-Pieta', nhar id-19 ta' Ottubru 1978, u residenti gewwa fond bl-indirizz Spiteri Court Block C, Flat 9, Triq il-Port Ruman, San Pawl il-Bahar, detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-Numru 498978(M)

u

**Rosette Borg**, ta' erbghin (40) sena, bint Amadeo Borg u Josephine xebba Caruana, imwielda l-Pieta', nhar il-15 ta' Ottubru 1978, u residenti gewwa fond bl-indirizz St. Joseph, Triq l-Ghannejja, Birzebbugia, detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-Numru 540078(M)

akkuzati talli nhar l-24 ta' April 2019, ghall-habta tal-4:15 ta' filghaxija gewwa l-lokalita' ta' Santa Venera:

1. minn gewwa vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni CBS 243, ikkommettew serq ta' diversi oggetti foshom *tablet* tad-ditta 'Samsung', dokumenti u flus kontanti ghad-dannu ta' Meklin Zammit u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bix-xorta tal-haga misruqa.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li, f'kaz ta' htija, tqis lill-imputata Rosette Borg bhala li saret recidiva *ai termini* ta' l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kienet misjuba hatja ta' diversi sentenzi moghtija lilha mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat illi l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu ghall-procedura sommarja (Dok. "RV 5" u Dok. "RV 6").

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputati jammettu l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza ghan-nom taz-zewg imputati jissugerixxu lill-Qorti li l-Qorti ghandha taghti sentenza ta' prigunerija fil-konfront tal-imputati t-terminu ta' liema jkun sospiz.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dawn ghalhekk gew sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura ta' dak addebitat fil-konfront tal-imputati, l-ammissjoni bikrija taghhom, il-fedina penali taghhom, u kif ukoll is-suggeriment tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza ghan-nom taz-zewg imputati fir-rigward tal-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li:

fir-rigward ta' Miriam Azzopardi, rat Artikoli 261(c), 261(g), 267, 271(g), u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u

fir-rigward ta' Rosette Borg, rat Artikoli 49, 261(c), 261(g), 267, 271(g), u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

fuq ammissjoni, issib lill-imputati Miriam Azzopardi u Rosette Borg hatja ta' dak kollu li huma gew akkuzati bih u tikkundannahom kull wiehed ghal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' tliet snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien tliet snin millum.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**